MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' April, 2006

Rikors Numru. 69/2006

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid 145/06**

**Joseph Agius**

**Vs**

**Marie Schembri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti Marie Schembri, wara li ppremettiet:

1. Illi permezz ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, il-konvenuta giet ikkundananta thallas is-somma ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150), bl-imghax fis-somma ta' sitt liri Maltin (Lm6) rapprezentanti flus illi l-attur sellef lill-esponenti madwar xi sena ilu.

2. Illi sussegwentement, l-attur talab l-hrug ta’ mandat ta’ qbid bin-numru 145/06, fil-konfront ta’ l-esponenti.
3. Illi l-ftehim tas-self ta’ flus illi kien sar bejn l-esponenti u l-attur, fil-prezenza ta’ xhud, certu wahda Julie Farrugia, kien illi dan id-dejn kellu jithallas b’rati mensili fix-xahar.
4. Illi matul din l-ahhar sena l-esponenti marret kemm il-darba biex tonera l-ftehim u thallas lill-attur ir-rata mensili ta’ Lm10, izda dan qed jirrifjuta ili jhallas, bi ksur tal-ftehim li kien hemm bejniethom u ghal ragunijiet li hu biss jaf u liema ragunijiet mhux ammessibbli fil-ligi.
5. Illi l-hrug ta’ dan il-mandat huwa ghal kollox vessatorju u dan peress li l-esponenti qatt ma rrifjutat li thallas lil esponenti.

Umilment talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna ir-revoka tal-mandat ta’ qbid 145/06.

Rat id-dokumenti annessi ma’ dawn l-atti minn fol 3 sa fol 8.

Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Agius (fol 10 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi dak premess mill-intimata fir-rikors in kwantu kien hemm ftehim bejn il-partijiet rigward hlas b’rati mensili ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) huwa kontestat.

Illi fic-cirkostanzi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta’ Qbid numru 145/06.

Rat l-atti kollha tal-kas.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi prodotti jirrisulta illi fil-15 ta’ Lulju 2005, l-intimat odjern kien gie kanonizzat kreditur tar-rikorrenti fis-somma ta’ Lm150 “… bl-imghax kif mitlub u l-ispejjes gudizzjarji (talba numru 880/05 PBC), liema sorte kienet “… flus mislufa lill-konvenuta ossija r-rikorrenti odjerna. Sussegwentement, l-intimat ottjena il-hrug tal-mandat esekuttiv in esami (ara fol 3 ibid) u dan gie esegwit kif

muri a fol 4 ibid. Meta xehdet l-istess rikorrenti (a fol 12 ibid) u din spjegat illi l-ammont misluf kellu jithallas minnha b'rati mensili ta' Lm10. Difatti kienet ghamlet pagament wiehed izda waqfet taghmel pagamenti ulterjuri minhabba li kien marad zewgha. Sussegwentement kienet offriet li thallas rati ridotti ta' Lm5, kull hmistax-il jum liema offerta giet enfatikament rifjutata mill-intimat waqt li dan b'mod sorprendenti, kien filfatt silef lir-rikorrenti Lm50 ohra.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess jidher evidenti illi l-hrug tal-mandat in esami, bl-ebda mod ma kien "vessatorju" stante li gie ottenut in esekuzzjoni tas-sentenza finali hawn fuq citata. Difatti ma ngiebet ebda raguni valida skond il-ligi sabiex jigi revokat dan il-mandat (ara l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi 'obiter' ma jistax ma jigix suggerit minn din il-Qorti, li r-rikorrenti u l-intimat jilhqu ftehim bejniethom dwar il-pagament tal-ammont in kwistjoni da parti tar-rikorrenti, liema suggeriment qed jsir fuq basi umanitarja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba in esami bl-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz minhabba s-sitwazzjoni prezenti tar-rikorrenti, jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------